# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Settembru, 2019.**

**Numru 10**

**Rikors numru 49/18MH**

**Avukat Dottor Alfred Grech**

**v.**

**Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija**

Preliminari

1. Dan hu appell maghmul mill-Avukat Dott. Alfred Grech [ir-rikorrent] mid-digriet moghti fil-5 ta' Novembru 2018, [id-digriet appellat] mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet billi laqghet l-

ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati w ordnat l-kjamata fil-kawza ta' Anthony Xuereb.

Il-fatti

2. Anthony Xuereb kien ghamel kwerela kontra r-rikorrent mal-Pulizija Ezekuttiva, izda fuq parir tal-Avukat Generali ma ittiehdux proceduri kriminali kontra ir-rikorrent. Sussegwentement l-istess Anthony Xuereb kien istitwixxa proceduri ta' sfida fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li ddecidiet li ma kienx hemm lok li jittiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent. Izda l-isfidant appella minn dik id-decizjoni u fis-17 ta' April 2018 l-Qorti Kriminali, a tenur tas-subartikolu 541(3) tal-Kodici Kriminali ordnat li jittiehdu passi kontra r-rikorrent skond il-kwerela li kienet originarjament maghmula mill-isfidant Anthony Xuereb.

Mertu

3. Fis-7 ta' Mejju 2018, ir-rikorrent ipprezenta rikors quddiem l-ewwel Qorti fejn talab

> "1. Tiddikjara illi l-proceduri tal-isfida fl-ismijiet *Anthony Xuereb v. Kummissarju tal-Pulizija* li tterminaw permezz tad-digriet tal-Qorti Kriminali tas-17 ta' April 2018 per Imh. Dr. Antonio Mizzi jilledu d-drittijiet fondamentali ta' l-esponenti ghal smigh xieraq sanciti mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea [ghall-Protezzjoni tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali];

“2. Tiddikjara illi d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali jilledu d-drittijiet fondamentali ta’ l-esponenti ghal smigh xieraq sanciti mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni ta’ Malta u kif ukoll mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea....;

“3. Tiddikjara nulli l-proceduri tal-isfida fl-ismijiet *Anthony Xuereb v. Kummissarju tal-Pulizija* li tterminaw permezz tad-digriet tal-Qorti Kriminali [fuq indikat]; u

“4. Tipprovdi kwalsiasi rimedju iehor li jkun xieraq fic-cirkostanzi inkluz hlas ta’ kumpens xieraq.”

4. L-intimati l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija wiegbu ghar-rikors fit- 23 ta’ Mejju 2018 fejn issottomettew li l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u *in via* ta’ eccezzjoni preliminarja jecepixxu li ghandu jigi kjamat fil-kawza Anthony Xuereb.

Id-Digriet appellat

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet :-

“Fil-proċeduri odjerni r-rikorrent qiegħed jallega li kemm il-proċeduri tal-isfida fl-ismijiet *Anthony Xuereb v. Kummissarju tal-Pulizija* kif ukoll l-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif protetti mill-Artikolu 39 Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet Fundamentali u Libertajiet tal-Bniedem. Bħala rimedju għal dan l-allegat ksur huwa talab dikjarazzjoni ta’ nullita’ tal-proċeduri tal-isfida fuq imsemmija kif ukoll kumpens xieraq.

"Minn naħa tiegħu l-intimat jirribatti li dawn il-pretensjonijiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**L-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat Ġenerali** mertu tas-sentenza tal-lum tgħid hekk –

*"Preliminarjament jigi eccepit li galadarba b`din il-kawza kostituzzjonali qed tigi attakkata azzjoni ta` terz u cioe` ta` Anthony Xuereb li ha kontra l-Kummissarju tal-Pulizija biex tittiehed azzjoni kriminali fil-konfront tar-rikorrent, m`hemm l-ebda dubju li Anthony Xuereb ghandu interess dirett fl-ezitu ta` din il-kawza. Fuq kollox ir-rikorrent permezz tat-tielet talba qieghed jitlob li l-procedura tal-isfida Anthony Xuereb vs. Kummissarju tal-Pulizija tigi dikjarata nulla. Ghalhekk biex il-gudizzju jkun integru ghandu jigi kjamat fil-kawza Anthony Xuereb."*

"Ir-rikorrent jopponi għal din l-eċċezzjoni bl-argument li Anthony Xuereb m'ghandux jiddaħħal f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali għar-raġunijiet imsemmija fis-sottomissjonijiet tiegħu.

"L-**Art 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi hekk –

*"Tista` wkoll terza persuna, b`digriet tal-Qorti, f`kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza, tigi msejha f `kawza miexja bejn partijiet ohra fil-Qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta` wahda mill-partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba."*

"Mill-lat ġurisprudenzjali ingħad hekk fil-każ kostituzzjonali **Josephine Azzopardi pro et noe et vs L-Onorevoli Prim Ministru et (Rik Kost 85/14) deċiż fit-28 ta' Settembru 2017** dwar il-kwistjoni in materja -

"*Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta` Frar 2016 fil-kawża* ***Rose Borg vs Avukat Generali et****. Hemm kienet trattata eċċezzjoni simili.*

"*Il-Qorti qalet hekk :-*

"*Illi l-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom f`diversi okkażjonijiet dwar il-leġittimita` passiva ta` persuni privati li jkunu ċċitati f`kawżi ta` indoli kostituzzjonali u konvenzjonali.*

*"Fil-każ fl-ismijiet* ***Joseph Abela v. Onor.Prim`Ministru et*** *(Kost. 7 ta` Diċembru 1990) ġie ribadit li:*

"*F`kawżi ta` natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradittùri ta` dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta` xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew*

*jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta` dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala` fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

"*Iżda kif anke ġie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ* ***Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali et****. (29 ta` Mejju 2015) "Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra. "*

"*Proprju f`każijiet li jikkonċernaw l-istess materja bħal dik in disamina, ad eżempju fil-każ fl-ismijiet* ***Raymond Cassar Torreggiani et. v AG et*** *(22 ta`Frar 2013) iċċitat mir-rikorrenti, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet hekk:*

*"(11) … biex ġudizzju jkun integru jeħtieġ li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, jipparteċipaw fih dawk kollha li huma nteressati fil-kawża. B`hekk tiġi assigurata kemm jista` jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju inkwantu dan jorbot biss lil dawk li jkunu parteċipi fih, kif ukoll jiġi rispettat il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm bżonn ta` ripetizzjoni ta` proceduri kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawżi billi dawn ma jkunux ħadu parti f`ġudizzju wieħed. Il-ġudizzju jibqa` integru mill-mument li jieħdu parti fih dawk li jkollhom id-dritt, u dawk li kontra tagħhom dak l-istess dritt jikkompeti (App.Ċiv.* ***Joseph Borg v. Francis Vassallo*** *[2000] Vol.LXXXIV.II.42;App.* ***C. Zahra De domenico v. Zahra Dedomenico*** *15.01.1992)"*

"*- omissis-*

*" [13] Mill-premess għandu jirriżulta ċar li l-intimati konjugi Tabone, bħala inkwilini tal-fond de quo, u tenut kont tal-fatt li proprju l-inkwilinat tagħhom jifforma l-mertu tal-kawża odjerna, għandhom interess ġuridiku u għalhekk ikunu parteċipi fil-kawża li jista` jkollha effetti legali anke fuqhom."*

"*Dan il-ħsieb ġie ripetut mill-istess Qorti Kostituzzjonali fil-każ fl-ismijiet* ***Sam Bradshaw et v l-AG et.*** *(6 ta` Frar 2015):*

*"Din il-Qorti tosserva li, għalkemm taqbel mat-teżi li, ladarba l-każin aġixxa skont il-liġi, allura m`għandux legalment jirrispondi għall-inkostituzzjonalita` tal-liġi applikata minnu jew jeħel spejjeż tal-kawża, iżda mill-banda l-oħra, il-proċeduri odjerni neċessarjament jaffetwaw lill-każin stante li dan hu parti fir-rapport ġuridiku li huwa regolat b`liġi li l-kostituzzjonalita` tagħha qed tiġi attakkata. Għaldaqstant il-preżenza tiegħu f`dawn il-proċeduri hija neċessarja għall-finijiet tal-integrita` tal-ġudizzju. Il-każin bħala inkwilin tal-fond għandu interess ġuridiku f`din il-kawża peress li l-meritu jikkonċerna lilu direttament. Għal din ir-raġuni huwa għandu jkun parteċipi fil-ġudizzju u għalhekk huwa leġittimu kuntradittur." (ara wkoll* ***Cedric Mifsud nomine v Avukat Generali et****. -Q.K. 31 ta` Jannar 2014;* ***Perit Joseph Barbara v On.Prim`Ministru -****Q.K. 31 ta` Jannar 2014).*

> "*Fil-każ in eżami, l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett lejn iċ-ċaħda tad-dritt tagħha ta` użu u tgawdija tal-proprjeta` tagħha in kwantu li dan hu b`effett tal-artikolu 12(2)(b)(i) tal-Kap 158 u tal-liġijiet viġenti. Fost ir-rimedji mitluba hemm wkoll dak tal-iżgumbrament tal-intimat Carmel Gatt. Għalhekk filwaqt li taqbel li l-intimat m`għandux legalment jirrispondi għall-inkostituzzjonalita` tal-liġi msemmija, jew anke li jeħel spejjeż tal-kawża, iżda mill-banda l-oħra, il-proċeduri odjerni neċessarjament jaffetwawh stante li dan hu parti fir-rapport ġuridiku li huwa regolat b`liġi li l-kostituzzjonalita` tagħha qed tiġi attakkata. Għaldaqstant il-preżenza tiegħu f`dawn il-proċeduri hija neċessarja għall-finijiet tal-integrita` tal-gudizzju. L-intimat bħala inkwilin tal-fond għandu interess ġuridiku f`din il-kawża peress li l-mertu jikkonċerna lilu direttament. Għal din ir-raġuni huwa għandu jkun parteċipi fil-ġudizzju u għalhekk huwa leġittimu kuntradittur.*"

"Imbagħad fil-każ **Carmel Portelli et vs Frank Masini et deċiż fid-9 t'April 2010** ingħad hekk -

> "*L-istitut (tal-kjamat fil-kawża) jaqdi diversi funzjonijiet proċedurali, prinċipalment: (a) dak li jintegra ġudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jiġu mħarrka u xi wħud minnhom jitħallew barra; u (b) dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta' min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni ġudizzjarja u li aktarx ġġib warajha azzjoni oħra bħala konsegwenza taghha……" [Qorti tal-Appell, **Joseph Riolo proprio et nomine vs Carmen Muscat**, 15/03/1991; **Kollez. Vol. LXIX.i.96**; **Vol. LXXIX.ii.1110**]. Ingħad ukoll li 'r-ragjon d'essere ta' eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrita tal-ġudizzju tistrieħ fuq tliet konsiderazzjonijiet prinċipali : l-ewwel waħda hija li, għall-aħjar ġudizzju tal-Qorti, għandhom jipparteċipaw fih dawk kollha li huma interessati; it-tieni, sabiex tiġi assigurata kemm jista' jkun l-effikaċita` tal-ġudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkunu pparteċipaw fl-istess ġudizzju; it-tielet, biex jigi rispettat il-prinċipju ta' l-ekonomija tal-ġudizzju sabiex ma jkunx hemm il-bżonn li l-istess proċedura tiġi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati fid-diversi kawżi billi dawn ma jkunux ħadu parti f'ġudizzju wieħed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jiġu vinkolati biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tiegħu kontra tagħhom kollha.' [Prim'Awla, **Vincenti Agius pro et noe vs Mario Borg et**, 28/03/2003]. Għalkemm jirriżulta mill-provi li ma kenitx il-kjamata fil-kawża li direttament inkarigat lill-attur jagħmel ix-xogħolijiet li saru fid-dar tal-Fgura, Malta, meta hi ddeċidiet li tikkonverti d-dar tagħha f'child care centre, jirriżulta pero' li x-xogħolijiet li kienu ġew ordnati mill-konvenut Frank Masini, ġew esegwiti mill-attur fl-interess tagħha. Għalhekk dan it-Tribunal jara li għall-aħjar ġudizzju jkun utili li għandhom jipparteċipaw fih dawk kollha li huma interessati, inkluż għalhekk il-kjamata fil-kawża. Fis-sentenza: **Agent Accountant General et vs George Xuereb noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Kummerċjali, fil-15 ta' Marzu 1991, ċie hekk rilevat li : 'il-kjamata in kawża għandha fost oħrajn il-funzjoni li tkun preżenti t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament ma' l-atturi iżda mal-konvenut in kwantu dan ta' l-aħħar jista' jdur fuq is-sub-appaltatur għal kull dannu li jista' jsofri għaliex ikun dan li fil-konfront tiegħu jrid jirrispondi. Il-presenza tas-sub-appaltatur għalhekk*

*hija utili għaliex telimina l-possibilita' ta' kumplikazzjonijiet fir-rigward tal-problemi konnessi mal-eżekuzzjoni tax-xogħol – kemm għaliex il-provi essenzjalment jirrigwardaw l-operat tas-sub-appaltatur li ezegwixxa x-xoghol, u kemm għaliex dan tal-aħħar ma jkunx, 'il quddiem, jista' jillamenta mal-konvenut li dan ma avanzax difiża valida u effiċjenti fil-konfront tal-atturi - b'hekk ġie bata huwa.' Ġie ritenut ukoll fis-sentenza :* ***Carmelo Mamo vs Brian Abela nomine****, deċiza mill-Qorti tal-Appell, fil-4 ta' Frar 2000, li l-istitut tal-kjamata fil-kawża hu intiż 'per integrare il procedimento coll'aggiunta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso' (***Zahra vs Scicluna*** *– Qorti tal-Kummerċ, 21 ta' Jannar 1919). Jekk allura jirriżulta mill-provi li l-attur ma seta' qatt jottjeni l-kundanna ġudizzjarja tal-kjamat fil-kawża għaliex ma' dan ma għandu ebda relazzjoni ġuridika, u jiġi allura stabbilit li dan ma kienx il-leġittimu kontradittur tiegħu, anke jekk jirrizulta li seta' kien fuq l-istess meritu l-leġittimu kontradittur tal-konvenut, din l-Qorti ma tarax kif tista' l-azzjoni treġi fil-konfront tiegħu.' (Qorti tal-Appell,* ***Carmelo Mamo vs Brian Abela nomine,*** *04/02/2000). Il-fatt li l-attur qatt ma ntepella lill-kjamata fil-kawża għall-ħlas tax-xogħol li sar minnu, b'daqshekk ma jfissirx li m'għandhiex tkun hi parti wkoll f'dawn il-proċeduri għall-finijiet tal-integrita' tal-ġudizzju la darba mill-provi jirriżulta li hi kienet taf bix-xogħol li sar mill-attur fi hwejjiġha. M'hemmx dubbju, u dan ħareġ ċar mill-provi, li l-kjamata fil-kawża Sharon Ellul Bonici hija persuna nteressata fil-vertenza għalkemm mhux direttament mal-atturi ċertament pero' mal-konvenut l-ieħor in kwantu dan tal-aħħar jista' jdur fuqha għal kull ħlas li jista' jiġi kkundannat li jħallas għax-xogholijiet li saru mill-attur fid-dar tagħha tal-Fgura."*

"Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali l-Qorti tibda billi tissottolinea li l-interess rikjest mill-liġi biex persuna tiġi kjamata f'kawza għandu jkun bħall-interess ġuridiku li jkollha parti fil-kawża, madankollu dan l-interess jista` jkun ukoll mibni fuq il-fatt li anke jekk ma jiġix direttament kundannat jew liberat, il-kjamat ikun jista` jressaq ir-raġunijiet tiegħu favur jew kontra t-teżi ta' min qed javvanza l-kawza jew tal-intimat, jew addirittura tiegħu nnifsu diversament minn dawk tal-partijiet.

"Jingħad ulterjorment u b'referenza speċifika għal kawżi ta' indoli kostituzzjonali li bħala prinċipju ġenerali huwa l-Istat li jirrispondi *per se* għal eventwali leżjoni ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem. Infatti fil-proċeduri tal-lum l-Istat huwa debitament rappreżentat mill-intimati Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija. Madankollu n-natura partikolari ta' ċerti każijiet tkun tali li timmerita wkoll il-preżenza ta' terzi fil-kawża, inkluż ċittadini privati. Dan jingħad partikolarment f'ċirkustanzi meta l-eżitu ta' dawk il-proċeduri, in vista tat-tip ta' rimedju mitlub, ikun jimpingi fuq id-drittijiet ta' dawn it-terzi.

"B'applikazzjoni għall-każ tal-lum il-Qorti tinnota li l-proċeduri ta' sfida mpunjati fl-ismijiet *Anthony Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija* skattaw minn azzjoni ta' Anthony Xuereb – li tiegħu llum l-intimati qed jitolbu l-

> kjamata in kawża. Naturalment dan il-fatt waħdu mhuwhiex suffiċjenti biex tintlaqa t-talba tal-intimati. Iżda huwa notevoli li f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali r-rikorrent mhux talli qed jitlob li dawn l-istess proċeduri ta' sfida jiġu meqjusa leżivi tad-drittijiet fundamentali tiegħu talli qed jitlob li bħala rimedju dawn l-istess proċeduri jiġu addirittura dikjarati nulli. Ċertament għalhekk li jekk il-proċeduri odjerni jkollhom eżitu favorevoli għar-rikorrent, tali rimedju jekk jingħata jkollu mpatt dirett fuq id-drittijiet tal-istess Anthony Xuereb fir-rigward tal-proċeduri ta' sfida msemmija peress li dawn jiġu dikjarati nulli bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu. Il-Qorti tqis li fl-eventwalita' li l-kawża jkollha tali eżitu mingħajr ma jkun ingħata ċ-ċans lill-istess Anthony Xuereb biex ikun direttament parteċipi fil-proċeduri odjerni biex iressaq ir-ragunijiet tieghu in difiza kontra l-pretensjonijiet tar-rikorrenti iwassal għal preġudizzju serju għad-drittijiet tiegħu kif eżerċitati permezz tal-proċeduri ta' sfida msemmija.
>
> "Dan kollu jwassal lill-Qorti għall-konklużjoni li Anthony Xuereb għandu l-interess ġuridiku meħtieġ għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi sabiex jissejjaħ fil-kawża."

L-Appell

6. Ir-rikorrent ipprezenta r-rikors tal-appell tieghu fit-23 ta' Novembru 2018, fejn qed jitlob lil din il-Qorti tirrevoka d-digriet appellat bl-ispejjez kontra l-intimati. L-aggravju tieghu fis-succint hu li l-ewwel Qorti naqset milli tkun "analitika u diskriminatorja" fl-applikazzjoni tal-principji li johorgu mill-gurisprudenza dwar il-kjamata fil-kawza.

7. Fir-risposta taghhom l-intimati jsostnu li, ghar-ragunijiet hemm indikati, l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tal-ewwel Qorti ghandha tigi kkonfermata. Fis-succint jissottomettu li, tenut kont tal-fatt li r-rikorrent kien qed jitlob li l-procedura tal-isfida tigi dikjarata nulla, u mehud in konsiderazzjoni li skond l-Artikolu 541 il-persuna li taghmel ir-

rapport jew denunzja ghandha id-dritt li tipprezenta rikors sabiex tistitwixxi proceduri ta' sfida, Anthony Xuereb ghandu interess dirett fil-proceduri odjerni.

Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.

8. Ir-rikorrent qed jappella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li permezz taghha dik il-Qorti laqghet it-talba tal-intimati ghall-kjamata in kawza ta' Anthony Xuereb li hu l-persuna li kienet istitwixxiet il-proceduri ta' sfida quddiem il-Qorti Kriminali sabiex jittiehdu proceduri kriminali mill-Pulizija Ezekuttiva kontra r-rikorrent skond il-kwerela maghmula mill-istess Anthony Xuereb, allura l-isfidant. Jissottometti li, ghalkemm dik il-Qorti ghamlet rassenja estensiva tal-gurisprudenza fuq is-suggett tal-kjamata fil-kawza, naqset milli taghmel analizi u milli tkun diskriminatorja fl-applikazzjoni tal-principji li johorgu minn dik il-gurisprudenza.

Ir-Rikorrent ikompli jissottometti hekk.

9. Skond hu l-ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra x'kien l-interess guridiku necessarju. Jissottometti li l-interess guridiku rikjest sabiex persuna tigi kjamata fil-kawza hu dak ta' legittimu kontradittur u li hu meqjus legalment bhala konvenut li jista' jigi liberat jew ikkundannat.

Jissenjala li l-ghan tal-istitut tal-kjamat fil-kawza hu kemm l-ekonomija tal-gudizzju, kif ukoll dak li jigu evitati konflitti ta' gudizzji separati u multiplikazzjoni ta' kawzi. L-interess guridiku skond il-gurisprudenza u d-dottrina irid jkun wiehed dirett, kif ukoll legittimu u attwali. Jilmenta li l-ewwel Qorti naqset milli tanalizza s-sottomissjoni tieghu li, fil-proceduri odjerni, Anthony Xuereb kien nieqes minn kull interess guridiku u l-fatt li persuna taghmel denunzja ma taghmlux parti leza u *"wisq anqas jikkwalifika bhala parti civili fil-proceduri kriminali li jistghu jsegwu"*. Ghalhekk l-interess ta' Anthony Xuereb huwa wiehed ipotetiku. Jkompli jispjega:

> "..... l-interess ta' Anthony Xuereb f'dan il-kaz ghadu biss ipotetiku u mhux reali aktar u aktar meta l-istess Qorti naqset li tezamina n-natura tar-reat/reati denunzjati biex tistabbilixxi jekk Anthony Xuereb jikkwalifikax bhala parti leza, cioe` jekk hemmx xi hsara li seta' garrab u jekk il-proceduri kriminali huma ser iwasslu biex jipprokuraw xi rizultat vantaggjuz jew skop utili (Vol.XLIX.ii.925. Huwa risaput li l-interess guridiku mhux bil-fors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, imma jista' jkun imsejjes biex ihares jew jaghti gharfien ghall-morali jew soggettiv imbasta l-jekk invokat ma jkunx wiehed ipotetiku. (Appell – 'Formosa Gauci vs Lanfranco, deciza 28 Novembru 2003)"

10. Ir-rikorrent ikompli jissottometti dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-kjamat fil-kawza li jistghu jintlaqtu mis-sentenza finali fil-proceduri odjerni. Jghid li, filwaqt li l-ewwel Qorti gharfet li l-legittimu kontradittur f'proceduri ta' natura kostituzzjonali hu l-Gvern, huwa jiccita parti mid-digriet appellat fejn jinghad li, fejn it-tip ta' rimedju mitlub ikollu effett fuq id-drittijiet ta' terzi, il-prezenza ta' terzi hi meritata. Izda, skond hu, l-

ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra x'inhuma dawk id-drittijiet. Hu jghid li l-ghan tar-rapport li ghamel Anthony Xuereb huwa intiz biss biex jikkagunalu hsara u mhux biex jigi tutelat xi dritt legali tal-istess Anthony Xuereb.

11. Wara li jaghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti moghtija fid-29 ta' Ottubru 2018 fl-ismijiet **Simon Busuttil vs l-Avukat Generali et,** u jghid li d-digriet appellat ma ssegwi bl-ebda mod dik dak osservat f'dik is-sentenza. Hu jislet parti minn dik is-sentenza fejn jinghad li l-interess tal-attur f'dik il-kawza kien biss l-interess ta' kull cittadin li jrid li l-ligi tigi mharsa u jghid li fil-kaz odjern l-interess ta' Anthony Xuereb hu l-istess u ghalhekk ma kienx wiehed legittimu li ghandu jwassal sabiex jigi kjamat fil-kawza.

12. L-intimati fir-risposta taghhom jissottomettu li m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju dwar l-interess dirett ta' Anthony Xuereb fil-proceduri odjerni. Kien Anthony Xuereb li beda l-proceduri ta' sfida kontra l-Kumissarju tal-Pulizija sabiex jittiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent u fil-kawza odjerna dan tal-ahhar qed jitlob li dawk il-proceduri jigu dikjarati nulli. Huma jaghmlu referenza u jiccitaw parti mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Partit Nazzjonalita vs Kummissjoni Elettorali et** tad-29 ta' Mejju 2015 u jghidu li s-sejha ta' terz f'kawza tista'

sahansitra ssir *ex officio* mill-Qorti stess. Hekk fil-fatt gara fil-kawza fl-ismijiet **Grace Spiteri vs Avukat Generali** fejn din il-Qorti permezz tas-sentenza taghha tal-25 ta' April 2018 baghtet lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex jigi kjamat terz fil-kawza.

*Kunsiderazzjonijiet Ulterjuri*

13. Din il-Qorti tghid li sewwa ddecidiet l-ewwel Qorti li tordna l-kjamata fil-kawza ta' Anthony Xuereb. Il-principji li jirregolaw l-istitut tal-kjamata in kawza huma proprju dawk li l-ewwel Qorti tikkunsidra b'referenza ghall-gurisprudenza fil-materja. Ghalkemm ma jistax jinghad li l-osservazzjonijiet tar-rikorrent mhumiex rilevanti, madankollu, filwaqt li jesponi diversi principji mportanti dwar il-materja, huwa jinjora il-fatt li t-talba tieghu ghan-nullita` tal-proceduri tal-isfida tolqot d-drittijiet tal-isfidant Anthony Xuereb. L-artikolu 541 tal-Kodici Kriminali relevanti ghal din il-vertenza jaqra hekk:

> "541.(1) Jekk, fil-każijiet li fihom it-tmexxija tal-azzjoni kriminali tmiss lill-Pulizija Eżekuttiva, din ma tkunx trid taġixxi wara d-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela ta' delitt, il-persuna li tkun għamlet id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela tista' titlob, b'rikors, lill-Qorti tal-Maġistrati li jiġi ordnat lill-Pulizija li tmexxi l-proċeduri meħtieġa; u jekk il-qorti, wara li, meta jinħtieġ, tisma' l-provi li jġib ir-rikorrent, u l-Kummissarju tal-Pulizija, issib li *prima facie* hemm lok għad-denunzja, rapport jew kwerela, għandha tilqa' t-talba u tinnotifika, bil-mezz tar-reġistratur, lill-Kummissarju tal-Pulizja bl-ordni li tagħti għaldaqshekk:.."

14. Mill-artikolu appena citat jirrizulta li l-ligi taghti d-dritt, u allura dritt legali, lill-persuna li tkun ghamlet denunzja, rapport jew kwerela [id-denunzja] lill-Pulizija, titlob permezz ta' rikors lill-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza kriminali taghha sabiex l-Pulizija tmexxi proceduri kriminali kontra dak li fil-konfront tieghu tkun saret id-denunzja, rapport jew kwerela. Ghalhekk id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati f'dak il-kaz taffetwa mhux biss lill-persuna li kontra taghha tkun saret id-denunzja izda wkoll lill-istess Anthony Xuereb li ghandu interess fl-ezitu ta' dawk il-proceduri.

15. Ir-rikorrent jghid li l-ewwel Qorti naqset milli taghmel definizzjoni ta' dak li hu interess guridiku u jissenjala li l-interess guridiku ghandu johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd filwaqt li, skond hu, l-interess guridiku ta' Anthony Xuereb f'dan l-istadju fejn hu ghadu biss ipprezenta denunzja ta' reat lill-pulizija hu wiehed ipotetiku u mhux reali. Dan aktar u aktar, ikompli jghid, meta l-ewwel Qorti naqset milli tezamina n-natura tar-reat/reati denunzjati fejn imbaghad Anthony Xuereb jikkwalifika bhala l-parti leza.

16. Din il-Qorti tosserva li s-sottomissjoni tar-rikorrenti li bil-fatt biss li kienet saret id-denunzja u li wkoll saru l-proceduri ta' sfida taht l-artikolu precitat jirrendi l-interess tal-isfidant bhala wiehed ipotetiku, mhijiex

korretta, kif mhux korretta s-sottomissjoni tieghu li, sabiex jigi stabbilit l-interess guridiku, ghandu jigi ezaminat in-natura tar-reat jew reati denunzjati. L-interess guridiku ta' Anthony Xuereb fil-process tal-isfida ma jistax jitqies bhala wiehed ipotetiku kif qed jippretendi r-rikorrent, meta l-ligi stess taghtih id-dritt li jressaq dawk il-proceduri; isegwi li l-istess Anthony Xuereb bhala promotur ta' dawn il-proceduri ghandu necessarjament interess fl-ezitu taghhom, u, ladarba fil-proceduri kostituzzjonali odjerni qed tintalab bhala wiehed mir-rimedji dikjarazzjoni tan-nullita` ta' dawk il-proceduri, ghandu jirrizulta manifest li l-interess guridiku ta' Anthony Xuereb fil-proceduri odjerni hu wiehed legittimu u reali, u n-natura tar-reat denunzjat huwa irrelevanti stante li s-soggett tal-vertenza mhuwiex ir-reat denunzjat izda l-proceduri ta' sfida imressqa minn Anthony Xuereb li agixxa billi ezercita dritt moghti lilu mil-ligi u li kien parti f'dawk il-proceduri. Dan japplika *multo magis* fil-kaz odjern meta l-proceduri tal-isfida, defenittivament maghluqa bid-digriet tal-Qorti Kriminali, kellhom ezitu favorevoli ghat-talba tal-isfidant. Fir-rigward hija relevanti l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza Grace Spiteri vs Avukat Generali deciza fil-25 ta' April 2018:

> "14. Iżda billi d-deċiżjoni dwar ir-rikuża ngħatat fi proċeduri fejn kienu parti wkoll terzi, mhux biss l-attriċi tallum, it-tħassir ta' dik id-deċiżjoni jolqot il-posizzjoni legali ta' dawk it-terzi, bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq fid-dawl tar-regola *audi alteram partem*. Huwa ovvju għalhekk l-interess tat-terzi f'dawn il-proċeduri wkoll għax jekk l-appell jintlaqa' jintlaqtu wkoll id-drittijiet tagħhom. Għalhekk it-terzi li huma parti fil-kawża li fiha ngħatat l-eċċezzjoni ta' rikuża għandhom jissejħu f'din il-kawża wkoll sabiex il-qorti tisma' x'għandhom xi jgħidu"

17. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis l-aggravju tar-rikorrent mhux gustifikat u qeghda tichdu.

Decide

Ghal dawn il-motivi, din l-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tichdu u tibghat lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti ghall-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi, fil-waqt li dawk relatati mal-appell odjern jkunu kollha a kariku tal-istess rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr